MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali - Ghawdex Numru. 479/2005

**Lombard Bank Malta plc C 6071**

**Vs**

**Mark u Michelle konjugi Randon**

Il-Qorti,
Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati li “ in solidum” jhallsu lill-Lombard Bank Malta p.l.c. s-somma ta’ elfejn mitejn seba’ mitt lira Maltin u tlieta u disghin centezmi (Lm2700.93) li minnhom elfejn u tlettax-il liri Maltin tnejn u hamsin centenzmi (Lm2213.52) jirraprezentaw bilanc ghad-debitu fil-facilita’ ta’ self li ghandhom ma l-istess Bank attur, bl-interessi kkalkolati sad-19 ta’ Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) skond “statement” anness u mmarkat Dok “A” (liema facilita’ inghatat in virtu tal-kuntratt ta’ self ippubblikat minn Nutar Ann Fenech Adami li jgib id-data tal-ghoxrin (20) ta’ Marzu

elfejn u wiehed (2001) li kopja legali tieghu huwa anness u mmarkat Dok "B") u r-rimanenti ammont ta' erba' mija sebgha u tmenin liri Maltin wiehed u erbghin centezmi (Lm487.41) jirraprezentaw bilanc ghad-debitu fic-"cheque account" li ghandhom il-konvenuti ma l-istess Bank attur bl-interessi kkalkolati sad-dsatax (19) ta' Awissu elfejn u hamsa (2005) skond "statement " anness u mmarkat Dok "C" u dan oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-ghoxrin (20) ta' Awissu, tas-sena elfejn u hamsa (2005) sad-data tal-pagament effettiv. Dan ghaliex ghalkemm interpellati sabiex ihallsu l-ammont hemm fuq imsemmi anke ufficjalment permezz ta' ittra ufficjali mibghuta lilhom li ggib id-data tas-sittax (16) ta' April elfejn u erbgha (2004) li kopja legali taghha hija annessa u mmarkata Dok "D" l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra taghhom.

Bl-ispejjez kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-16 ta' April 2004, u bl-imghaxijiet ulterjuri mil-20 ta' Awissu 2005 sad-data tal-pagament effetiv kontra tal-konvenuti, li huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ukoll id-dokumenti kollha annessi mal-atti a fol 3 sa fol 10 tal-atti.

Rat li l-konvenuti gew debitament notifikati skond l-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, skond kif jidher mix-xhieda moghtija, illum stess minn Robert Dimech u dan in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, irrizulta illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma totali ta' Lm2700.93, kif spjegat, b'mod aktar dettaljat, fl-istess avviz, liema ammont hu dovut sal-lum u "in solidum" mill-istess konvenuti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex "in solidum" bejniethom

jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm2700.93 bl-imghaxijiet legali ulterjuri mill-20 ta’ Awissu 2005, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ April 2004 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------